# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 67/2023**

Data: Il-Ħamis 13 ta' April, 2023

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli – Sindku<br>Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier<br>Sur Ray Deguara – Kunsillier<br>Sna Toshera Schembri - Kunsilliera<br>Sur Mark Lombardo – Kunsillier |
| Skużati: | Dr Ryan Ellul – Kunsillier<br>Sur Mario Fava – Kunsillier |
| Assenti : | Sur Adrian Tanti - Kunsillier |
| | Ritianne Bonnici –Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## AĠENDA

### 67.1 ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

Is-Sindku radd is-salib u qal talba.

## 67.1 ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

**67.1.1** Is-Sindku spjega li din il-laqgħa b'urġenza ġiet imsejħa wara li l-bord tal-intervisti magħmul minn żewġ membri li kienu s-Sindku P. Dalli u Kuns C Bonello u bħala Chairperson tqabbad is-Sur Daniel Galea bħala persuna indipendenti. L-intervisti saru nhar it-Tnejn 10 ta' April liż-żewġ applikanti għas-sejħa ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-bord għamel l-evalwazzjoni neċessarja u kien hemm qbil li għandha tintgħażel is-Sinjura Amanda Mifsud. Is-Sindku staqsa lill-membri tal-kamra jekk għandhomx xi mistoqsijiet dwar din l-għażla u Kuns M Lombardo wera l-interess biex jara il-curriculum vitae tagħha. Wara li rah staqsa jekk il-bord staqsix għalfejn is-Sinjura Mifsud applikat ma' dan il-Kunsill peress li għandha bosta kwalifiki u tidher li hija persuna valida għal din is-sejħa. Is-Sindku wieġeb li tali mistoqsija ġiet mistoqsija waqt l-intervista fejn it-tweġiba li l-bord ingħata kienet li s-Sinjura Mifsud xtaqet esperjenza f'dan il-qasam u li dehret interessata mmens għal din il-vakanza. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6459/23/8** 'Sabiex jiġi approvat ir-rapport anness dwar il-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura u tintgħażel is-Sinjura Amanda Mifsud sabiex timla din is-sejħa'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:36hrs.

Is-Sur Pierre Dalli
Sindku

Is-Sinjura Ritianne Bonnici
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data:13 ta' April, 2023